



## IL-KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

L-Unjoni Ewropea qed issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha biex tipprommvi l-iżvilupp armonizzat ġenerali. B'mod partikolari, l-UE għandha l-għan li tnaqqas id-diskrepanzi bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni tagħha. Fost ir-reġjuni konċernati, tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti, bħal pereżempju r-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, kif ukoll reġjuni insulari, transfruntiera u muntanjużi.

### IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 174 sa 178 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

### L-ISFOND

Il-politika ta' koeżjoni hija l-politika ewlenija ta' investiment tal-Unjoni Ewropea. Din tipprovdri benefiċċji għar-reġjuni u l-bliet kollha fl-UE u tappoġġja t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività tan-negozju, l-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent.

Mill-bidu tagħha, fil-Komunità Ewropea (issa magħrufa bħala l-Unjoni Ewropea) kien hemm diskrepanzi territorjali u demografiċi kbar, li setgħu jikkostitwixxu ostakli għall-integrazzjoni u l-iżvilupp fl-Ewropa. It-Trattat ta' Ruma (1957) stabbilixxa mekkaniżmi ta' solidarjetà fil-forma ta' żewġ fondi: il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (Taqsima Gwida tal-FAEGG). FI-1975, ġew introdotti aspetti reġjonali permezz tal-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR). FI-1994, inħoloq ukoll il-Fond ta' Koeżjoni.

BI-Att Uniku Ewropew tal-1986, il-koeżjoni ekonomika u soċjali saret kompetenza tal-Komunità Ewropea. FI-2008, it-Trattat ta' Lisbona daħħal it-tielet dimensjoni tal-koeżjoni tal-UE: il-koeżjoni territorjali. Dawn it-tliet aspetti ta' koeżjoni huma sostnuti mill-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali.

### L-OBJETTIVI

It-tiżni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha huwa wieħed mill-obiettivi ewlenin tal-UE. L-Unjoni tiddedika proporzjon sinifikanti mill-attivitajiet u l-baġit tagħha għat-tnaqqis tad-diskrepanzi fost ir-reġjuni, b'referenza partikolari għal żoni rurali, żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi li huma gravi u permanenti.



L-UE tappoġġja l-kisba ta' dawn l-oġġettivi permezz tal-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (il-FSE, il-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)) u sorsi oħra bħall-Bank Ewropew tal-Investiment.

FI-2014, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ħa post it-Taqsima ta' Gwida tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija. Fi ħdan il-qafas tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, il-FAEŻR jappoġġja l-iżvilupp rurali u t-titjib tal-infrastruttura agrikola.

Il-Fond Soċjali Ewropew huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni li jappoġġja l-miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu u jiġġieldu l-qgħad, jiżviluppaw ir-riżorsi umani u jkattru l-integrazzjoni soċjali fis-suq tax-xogħol. Jiffinanzja l-inizjattivi li jippromwovu livell għoli ta' impjegi, opportunitajiet indaqs għall-irġiel u għan-nisa, l-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni ekonomika u soċjali.

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali huwa maħsub biex jirrimedja l-iżbilanċi reġjonali ewlenin fl-UE. Dan jappoġġja r-reġjuni li għadhom lura f'termini ta' żvilupp, flimkien mal-konverżjoni tar-reġjuni industrijali li jkunu sejrin lura.

Il-Fond ta' Koeżjoni jikkontribwixxi b'mod finanzjarju għall-proġetti marbuta mal-ambjent u man-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport. Dan il-fond jista' jiġi aċċessat biss minn dawk l-Istati Membri li d-dfuh nazzjonali gross tagħhom għal kull abitant huwa inqas minn 90% tal-medja tal-UE.

Sabiex jiġi garantit l-użu effiċjenti tal-Fondi Strutturali, għandhom jiġu garantiti l-prinċipji li ġejjin:

- l-organizzazzjoni tal-fondi skont l-oġġettivi u r-reġjuni;
- is-sħubija bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-użu tagħhom;
- il-programmazzjoni tal-għajnuna;
- l-addizzjonalità tal-kontribuzzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali.

L-allokkazzjoni tar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni ddedikati għall-politika ta' koeżjoni hija ffukata fuq żewġ għanijiet ewlenin:

- l-investiment fit-tkabbir u l-impjegi – biex isaħħaħ is-suq tax-xogħol u l-ekonomiji reġjonali;
- il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea – li tappoġġja l-koeżjoni tal-UE permezz ta' kooperazzjoni fil-livell transfruntier, transnazzjonali u interreġjonali.

Mill-1988 lil hawn, il-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni ngħatat żieda kbira fil-baġit tagħha u saret, flimkien mal-politika agrikola komuni, waħda mill-politiki tal-Unjoni l-iktar sinifikanti f'termini kwantitattivi. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-UE qiegħda talloka aktar minn EUR 350 biljun għall-politika ta' koeżjoni tagħha, jiġifieri 32.5% tal-baġit globali tal-UE. Dawn il-fondi se jintefqu fuq diversi attivitajiet bħall-bini ta' toroq, il-protezzjoni tal-ambjent, l-investiment f'intrapriżi innovattivi, il-ħolqien tal-impjegi u t-taħriġ professjonali. Kważi EUR 200 biljun se jiġu allokati għall-FEŻR (inkluż EUR 10.2 biljun għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea u EUR 1.5 biljun bħala



allokazzjoni speċjali għar-reġjuni ultraperiferiċi u dawk b'popolazzjoni baxxa). Aktar minn EUR 83 biljun se jiġu allokati għall-FSE u EUR 63 biljun għall-Fond ta' Koeżjoni.

## **PROPOSTA TA' POLITIKA TA' KOEŻJONI TAL-UE GĦAL WARA L-2020**

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet regolamenti għall-politika ta' koeżjoni tal-UE għal wara l-2020. Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din ir-riforma huwa s-simplifikazzjoni tal-proċeduri u ż-żieda tal-effikaċja tal-investimenti tal-UE. Il-ħdax-il objettiv tematiku użati fil-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020 ġew sostitwiti b'ħames objettivi ta' politika għall-FEŻR, l-FSE+, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMS:

- Ewropa aktar intelliġenti - trasformazzjoni ekonomika u intelliġenti.
- Ewropa aktar ekoloġika u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- Ewropa aktar konnessa — mobbiltà u konnettività tal-ICT reġjonali.
- Ewropa aktar soċjali — li timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;
- Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini — żvilupp sostenibbli u integrat ta' żoni urbani, rurali u kostali permezz ta' inizzjattivi lokali.

B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni mmodifikat il-proposta tagħha biex tinkludi strumenti ġodda li se jħejju l-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika mistennija. F'Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta modifikata, li se tiftaħ negozjati mal-Parlament.

Il-Kummissjoni pproponiet li tiffinanzja l-baġit tal-UE permezz ta' pakkett estensiv, li jgħaqqad il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) bi sforz straordinarju ta' rkupru, "Next Generation EU" (NGEU). Il-politika ta' koeżjoni se tkun iffinanzjata parzjalment mill-QFP u, fil-każ ta' xi programmi, mill-NGEU.

Ir-riżorsi għall-għan "Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" se jammontaw għal total ta' EUR 322.3 biljun u se jiġu allokati kif ġej:

- a. EUR 202.3 biljun għal reġjuni inqas żviluppati;
- b. EUR 47.8 biljun għal reġjuni fi transizzjoni;
- c. EUR 27.2 biljun għal reġjuni aktar żviluppati;
- d. EUR 42.6 biljun għal Stati Membri appoġġjati mill-Fond ta' Koeżjoni (li minnhom EUR 10 biljun se jintefqu fuq l-istrument Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
- e. EUR 1,928 miljun bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi;
- f. EUR 500 miljun għal investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni.

Ir-riżorsi għall-għan "Kooperazzjoni territorjali Ewropea" (Interreg) se jammontaw għal total ta' EUR 7 950 miljun u se jitqassmu kif ġej:

- a. EUR 5 713 miljun għall-kooperazzjoni transfruntiera marittima u fuq l-art;
- b. EUR 1 466 miljun għall-koperazzjoni transnazzjonali;



- c. EUR 500 miljun għall-koperazzjoni interreġjonali;
- d. EUR 271 miljun għall-koperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi.
- e. EUR 970 miljun għall-ETC — komponent għall-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni.

Fi Frar 2020, il-Kummissjoni pproponiet li jinħoloq Fond ġdid għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund — JTF), li jappoġġja t-territorji l-aktar milquta mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u li għandu l-għan li jipprevjeni ż-żieda fid-disparitajiet reġjonali. L-allokazzjoni proposta tal-JTF hija EUR 17.5 biljun.

F'Mejju 2020, il-Kummissjoni pproponiet li toħloq ReactEU, strument ġdid li se jappoġġja l-aktar setturi importanti għal irkupru sod wara l-kriżi tal-COVID-19. L-allokazzjoni proposta għal ReactEU hija EUR 47.5 biljun.

Ir-regolamenti proposti huma suġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fejn il-Parlament huwa fuq l-istess livell mal-Kunsill. Dan ifisser li qabel tmien l-2020, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet se jkollhom jaqblu dwar ir-regoli għall-politika ta' koeżjoni futura.

Sa April 2019, il-Parlament kien lesta l-ewwel qari tal-proposti tal-Kummissjoni għar-Regolamenti dwar is-CPR, il-FEŻR, l-Interreg u l-FSE+. Il-ħidma fuq il-proposti ppreżentati reċentement għall-JTF u għar-ReactEU għadha għaddejjja.

## **IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Il-Parlament għandu rwol attiv ħafna fl-appoġġ għat-tiżni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE. Il-leġiżlazzjoni marbuta mal-politika ta' koeżjoni u l-Fondi Strutturali titħejja skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li fiha l-Parlament għandu l-istess setgħa li għandu l-Kunsill.

Il-Parlament ilu involut b'mod attiv fin-negozjati għar-riforma tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2014-2020. Din ir-riforma tiddefinixxi l-prijoritajiet u l-istrumenti tal-azzjoni tal-UE futura li għandhom l-għan li jsaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-Parlament appoġġja bil-qawwa l-proposti għal politika ta' koeżjoni effiċjenti u b'firxa wiesgħa, li teħtieġ ukoll riżorsi finanzjarji suffiċjenti.

Marek Kołodziejcki  
08/2020

